MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 369/2005

**Prof. Anglu Psaila**
**(ID 505137 M)**

**Vs**

**Aaron Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta` Frar, 2005, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tliet mija u tlieta u disghin lira, erbgha u erbghin centezmu (Lm393.44c), rapprezentanti ammont ta` danni kawzati fil-vettura ta` l-attur nhar it-2 ta` Jannar, 2004, fi Triq it-Torri, Sliema li ggib in-numru JAX 348 meta l-konvenut dahal go fih bil-vettura li kien qed isuq, numru ta` registrazzjoni DBH 576, ghal liema ncident l-istess konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sad-data ta` l-effettiv pagament.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut datata 9 ta` Marzu, 2005 fejn giet ikkontestata t-talba attrici in vista tal-fatt li l-konvenut ma kien jahti xejn ghall-istess incident stradali anzi li kien l-istess attur li kkaguna l-imsemmi ncident minhabba tortijiet tieghu. Gie kontestat ukoll il-kwantum tad-danni.

B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-incident in kwistjoni sehh fil-vicinanzi tal-Fortizza, fi Triq it-Torri tas-Sliema, fil-mument meta l-konvenut kien qed jipponta biex jidhol fiz-zona ta` parkegg ta` l-imsemmi stabbiliment.

Fl-affidavit tieghu, l-attur jallega li ma genb il-Preluna Hotel kien hemm vetturi pparkeggjati rashom il-gewwa lejn il-bankina u vetturi ohra pparkeggjati ma genbhom b'mod orizzontali, wahda minnhom tal-konvenut. Jafferma li f'hin minnhom vettura harget sparata qisha sajjetta ghaddiet minn quddiemu u qasmitlu ghan-naha l-ohra tat-triq sabiex jipparkeggja fil-car park. L-istess vettura ghamlet U turn u dahlet go fih. Fl-istess nifs ighid li ghadda zbrixx minn quddiemu u laqtu fuq quddiem. Il-vettura tieghu ntlaqtet fuq in-naha tax-xellug ta` quddiem. L-impatt fuq il-vettura tal-konvenut ighid li sehhet bejn il-bieba ta` wara u r-rota tieghu ta` wara. Aktar il-quddiem ighid li l-impatt sehh meta l-konvenut ghamel U turn bl-addocc u huwa nhasad meta ra karozza gejja ghal fuqu.

Il-kwantum tad-danni gew ikkonfermati bil-gurament minn Richard Fenech li gharaf bhala awtentiku l-kontenut tad-dokument a fol. 18 tal-process.

Din il-verzjoni moghtija mill-attur mhux biss hija ferm konfuza tad-dinamika ta` l-incident izda hija wkoll ferm kontrastanti ghal dik affermata kemm mill-konvenut kif korroborata minn martu, izda wkoll mill-mod kif l-istess attur gie rrappurtat mill-ufficcjali tal-pulizija a fol. 14 et seq tal-process. F'dan ir-rapport hemm imnizzel li l-attur kien allega li hekk kif wasal fejn il-Preluna, il-konvenut li kien fuq ix-xellug tieghu, qasam minn quddiemu u kwindi saret il-habta. Fi kliem iehor, *a tempo vergine*, l-attur la jallega li l-konvenut kien ipparkeggjat, la jallega li l-konvenut hareg sparat qisu sajjetta u anqas ma jallega li l-konvenut ghamel U turn bl-addocc.

Apparti minnhekk jigi rilevat ukoll li l-hsarat fuq il-vettura tal-konvenut kienu lejn il-mudguard u bumper ta` wara u mhux mill-bieba ta` wara lura.

Il-konvenut jichad li kien ipparkeggjat fejn il-Preluna. Huwa jafferma li kien miexi fit-triq normali ta` Tower Road, sejjer fid-direzzjoni tal-Fortizza. Kif wasal biswit il-Fortizza, xeghel l-indicator biex jaghmel sinjal li kien bi hsiebu jdur lejn il-car park tal-Fortizza. Huwa waqaf sabiex jistenna xi vetturi jghaddu li kienu gejjin mid-direzzjoni opposta. Hekk kif ghaddiet vettura, huwa dar u beda miexi lejn din il-car park. Warajh jaf li kien hemm vetturi weqfin u li l-vettura ta` l-attur giet fil-fatt minn warajh. Fil-mument li huwa kien qed jikser ghal car park, l-attur qabez il-vettura li kienet wara dik tal-konvenut u baqa` diehel go fih. Il-konvenut intlaqat fuq ir-rota ta` wara tan-naha tieghu u kemm minhabba f'hekk u kif ukoll peress illi l-art kienet imxarba bix-xita, l-vettura tieghu daret u giet thares lejn in-naha mnejn kien gej. Huwa jaqbel li l-iskizz juri bejn wiehed u iehor l-istampa korretta ta` kif spiccaw il-vetturi wara l-impatt. Huwa ma jaqbilx ma` l-attur anqas fejn allega li kien hemm *double parking* u wisq anqas li huwa kien wiehed mill-vetturi *double parked*.

Din il-verzjoni moghtija mill-konvenut tinsab ikkoroborata mija fil-mija minn martu Dr Dorothy Zammit.

Illi t-Tribunal jinnota li kemm mill-mod ta` kif xehdu il-konvenut u martu, kemm mil-mod ta` kif jinsab impingi l-

iskizz, kemm mill-mod ta` kif jinsabu mnizzla l-verzjonijiet taz-zewg sewwieqa in kwistjoni u kif ukoll mill-mod xejn car jekk mhux addirittura kontrastanti ta` kif giet irrakkontata d-dinamika ta` l-incident mill-attur fl-affidavit tieghu, isib ferm aktar kredibbli u verosimili ir-rakkont spjegat mill-konjugi Zammit u ma jezistu ebda fatturi li jistghu b'xi mod jiskreditawhom.

Illi ghandu jirrizulta ghalhekk illi l-incident sehh meta l-konvenut li kien miexi quddiem l-attur fi triq principali, xeghel l-indicator tieghu biex jindika li kien bi hsiebu jdur lejn il-lemin – waqaf ghal kollox sabiex jistenna l-vetturi ta` faccata jghadduh – u kien biss meta l-karreggjata opposta kienet hielsa mit-traffiku li huwa beda jippunta biex jaqsam it-triq u jidhol fil-car park u li kien f'dan il-mument li l-attur gie minn warajh u habat go fih. Illi b'dan il-mod kwindi l-konvenut ha l-mizuri kollha rikjesti minnu bil-ligi qabel ma ghamel il-manuvra fuq spjegata. Illi mill-banda l-ohra jidher li l-attur kkommetta diversi nuqqasijiet fis-sewqan tieghu. Ma qadtx attent ghat-traffiku li kien miexi quddiemu – ma zammx distanza adekwata bejnu u bejn il-vettura ta` quddiemu – jirrizulta ppruvat ghas-soddisfazzjon tat-Tribunal li l-attur qabez il-vettura ta` quddiem qabel ma gie biswit il-vettura tal-konvenut – Ma zammx *proper look out* meta kien qed jaghmel din il-manuvra ta` sorpass – u aktar u aktar naqas li joqghod attent jekk tali manuvra ta` sorpass setax jaghmilha o meno minghajr ma johloq periklu ghat-traffiku li kien qed jiskorra f'dak il-mument – Barra minhekk sabiex ghamel tali manuvra jirrizulta wkoll ippruvat li l-attur qasam fuq il-karreggjata opposta tat-triq – difatti l-impatt jidher li sehh fil-bokka tal-car park u cioe` fuq in-naha l-ohra tat-triq mnejn suppost li kellu jsuq l-attur. Ma hiex skuza il-ghaliex kien hemm jew seta` kien hemm vetturi *double parked* – anzi jekk huwa minnu li l-vetturi kienu *double parked* bil-konsegwenza li l-attur kien imgieghel jaqsam ghal fuq il-karreggjata l-ohra, l-obbligu tieghu tal-*proper look out* aktar isir gravuz peress illi f'tali cirkostanza kien imissu qaghad aktar attent biex ma jkunx ta` periklu ghall-vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta partikolarment meta tqis li l-incident sehh bil-lejl u f'gurnata ta` xita fejn l-art kienet imxarba.

In vista tal-premess ghalhekk it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz, billi jiddikjara li l-attur kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, kwindi jichad it-talbiet minnu sollevati, bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------